**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sandra Lee Camnezuli

vs

NA Solutions - Noel Borg

CCT G/5/MS

12 ta' Novembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Mejju 2020 fejn talbet li tinghata AC gdid wara li xtrat AC minghand il-konvenut/ azjenda intimata, liema AC kien difettuz u ma baqax jiffunzjona wara ftit xhur.

Ra illi l-konvenut, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'Awwissu 2017 ir-rikorrenti xtrat Airconditioner minghand NA Solutions Ltd ghal prezz ta' hames mija u hamsin Euro (€550.00) b'hames snin garanzija fuq 'parts and labour'.

Skond l-istess garanzija "NA Solutions" obbligat li taghmel tajjeb ghat-tiswija ta' partijiet difettuzi, ghajr ghal dawk illi jirrizultaw minn uzu hazin jew li ma jkunux awtorrizati mill-istess garanzija.

Illi kemm Noel Borg kif ukoll NA Solutions huma indikati fuq l-istess garanzija li hija ffirmata minn Noel Borg.

Illi r-rikorrent xehdet bil-gurament u qalet illi tlett xhur wara li xtrat l-AC, dan ma baqax jiffunzjona u cemplet lill-intimat li ma xtaqx jinzel Malta biex jara l-affarijiet. Qalet ukoll illi l-AC kien reklamat fuq magazine u minkejja diversi tentattivi, anke tramite il-

konsumatur, l-intimat qatt ma nizel biex jara l-AC. Wara xi hames xhur, missier l-intimat mar ghandha biex jirrangah u dan kien ghal habta tax-xitwa 2019, pero' wara tlett xhur l-AC rega' bil-problemi u regghet ippruvat taghmel kuntatt mal-intimat jew ma' missieru izda dan kien ghalxejn.

Xehed ukoll Tony Camenzuli, missier ir-rikorrenti, li qal li l-ewwel darba li gara l-hsara kien cempel xi sbatax - il darba pero' l-intimat qatt ma rrispondieh u meta fl-ahhar irnexxielu jaqbdu beda jidghi u joffendih u qallu ukoll biex ma jindahalx ghaliex l-AC kien bieghha lit-tifla u mhux lilu. Ikkonferma wkoll illi kien gie missier l-intimat izda wara tlett xhur ma bediex ikessah u l-istorja kompliet sejra.

Ikkunsidra

Illi l-intimat m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu. Dan ma jawgurax tajjeb u jkompli jikkorrobora l-versjoni tar-rikorrenti u ta' missierha. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talba tar-rikorrenti li fic-cirkostanzi huwa verosimili u ghandu mis-sewwa.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jipprefiggi terminu ta' xahar sabiex tigi installata AC unit gdid tal-istess mudell/prezz ghand ir-rikorrenti, u fin-nuqqas jikundanna lill-intimat Noel Borg u l-azjenda NA Solutions in solidum biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' €550.00. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru